Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-Gimgha l-1 ta' April 2016

Appell numru: 39/2014AE

**Emanuel Stellini (ID 79250G)**

**Vs**

**Carmela Bugeja (ID 57252G)**

L-attur (**appellant**) harrek lill-konvenuta (**appellata**) quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex thallsu sehemha mill-ispejjez relatati mal-kawza **Joseph Stellini vs Carmel Stellini et** (74/1990), li fiha l-konvenuta kienet parti. Il-kawza giet deciza b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-31 ta' Mejju 2013.

B'sentenza tal-25 ta' Gunju 2015, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda li l-konvenuta (appellata) qatt m'awtorizzat li jsir l-appell u ghalhekk ma kellhiex taghmel tajjeb ghal xi sehem mill-ispejjez relatati ma' dik il-procedura. Madankollu kkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' €79.30, spejjez li saru fir-rigward tal-proceduri meta kienu qeghdin jinstemghu quddiem l-ewwel qorti.

Permezz ta' rikors (fol 128) ipprezentat fil-15 ta' Lulju 2015 l-appellant talab appella mis-sentenza.

L-appellata wiegbet (fol 149) u talbet lill-Qorti tordna l-isfilz tad-dokumenti esebiti mar-rikors tal-appell u tikkonferma s-sentenza moghtija fil-25 ta' Gunju 2015 mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar u konsegwentement tichad l-appell tal-attur appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Fis-sentenza mertu tal-appell odjern it-Tribunal iddecieda kif gej:

**<u>Fatti Fil-Qosor.</u>**

Hu pacifiku illi l-partijiet huma whud mill-werrieta ta' missierhom, Joseph Stellini li dahlu bhala parti fil-kawza *Joseph Stellini vs Carmel Stellini et* (Citaz. Nru

74/90) wara li miet missierhom. F'dak l-istadju l-kawza kienet qeghdha tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri.

L-appellant talab lill-appellata thallas is-somma ta' tlett elef mitejn wiehed u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (EUR 3,251.67) rapprezentanti diversi spejjez li ghamel fil-kors tal-kawza numru 74/1990 fl-ismijiet, *Joseph Stellini vs Carmel Stellini et noe*. Waqt is-smiegh tal-kawza, l-appellant ipprezenta nota ta' riduzjoni li biha rriduca t-talba ghas-somma ta' €2,260.60 (fol 93).

L-appellata ma tridx thallas ghaliex issostni li qatt ma tat il-kunsens biex isir l-appell.

Il-Qorti wara li rat l-atti processwali kollha, tosserva:-

**<u>Apprezzament tal-provi</u>**.

L-appellant jilmenta illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti meta wasal ghall-konkluzjoni illi l-appellata ma kinitx tat il-kunsens sabiex isir appell mis-sentenza tal-ewwel qorti.

Fis-sentenza **Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) din il-qorti qalet: '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti"* . Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li, "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

Huwa rilevanti li jigi riprodott dak li qal it-Tribunal dwar jekk l-appellata kinitx tat il-kunsens taghha sabiex is-sentenza tal-ewwel qorti tigi appellata:

*"Jifdal il-kwistjoni dwar l-ispejjes inkorsi fl-appell li huma spejjes kemm gudizzjarji kif ukoll extra gudizzjarji. Il-konvenuta laqghet ghal din it-talba billi eccepiet illi hi qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex isir dan l-appell. Anzi fix-xhieda taghha tghid li kienet kontra. L-attur jghid il-kuntrarju. Mill-provi mressqa, jirrizulta illi l-attrici ma kinitx kuntenta li jsir appell. L-attur jghid li hu kien javza lil ommu u ommu kienet tghidilha. Similment tixhed Emily Muscat, li pero' izzid li f'okkazzjoni partikolari kienu marru jkellmuha fuq il-kawza, u kemm il-konvenuta kif ukoll zewgha rrabjaw maghhom. Gregory Stellini jghid illi ommu kienet tinforma lill-ahwa b'dak li jkun qed jigri. L-omm illum hija mejta. Kontro ezaminat Gregory Stellini jghid illi hu ma jafx jekk ohtu tatx il-kunsens sabiex isir l-appell. Jghid li hu ma kellimhiex. In kontro ezami Emily Muscat tghid illi lill-konvenuta kienu marru jinfurmawha li ser isir appell. Wara tghid illi kienet*

*cemplitilha. Tghid li l-konvenuta kienet irrabjat. Ma tiftakarx jekk kinitx tat il-kunsens biex isir l-appell jew le.*

*L-unika prova li l-konvenuta tat xi forma ta' kunsens biex isir l-appell hi dak li jghid l-attur in kontro-ezami fejn dan jghid illi l-konventa meta giet infurmata li ser isir l-appell irrispondietu li hi ma kellhiex flus, izda imbghad la tinqata' l-kawza, seta' jehodhom bl-imghax ukoll. Dan jikkuntrasta ferm ma' dak li xehdu x-xhieda l-ohra fejn jghidu li l-konvenuta kienet tkun irrabjata meta jsemmulha l-kawza. Jikkuntrasta wkoll ma' dak li jixhed fl-ezami tieghu meta jghid li kienet tkun ommu l-messaggier dwar il-kawza.*

*Dan it-Tribunal hu konvint illi l-konvenuta ma tatx il-kunsens taghha biex isir l-appell, anzi jemmen illi ma xtaqitx li dan isir. Dan ikompli jigi kkonfermat mill-fatt illi fl-appell il-konvenuta kuntrarjament ghall-ahwa l-ohra, ma tpoggietx fost il-lista tan-nies biex jigu notifikati bl-atti u filwaqt li r-riferti esebiti juru n-notifika ta' l-ahwa l-ohra, riferta tal-konvenuta ma hemmx. Dan jikkonferma illi min orkestra l-appell ma tantx ried lill-konvenuta tkun taf bih. In oltre jigi osservat illi l-kunsens sabiex isiru affarijiet ta' certa serjeta' bhalma huma atti gudizzjarji ghandu jkun kunsens li jirrizulta car u mhux xi kunsens tacita bhalma jrid qisu jaghti l-impressjoni li kien hemm l-attur.*

*Ghaldaqstant il-konvenuta ma ghandha tbati l-ebda spejjes ghal dak l-appell li sar kontra r-rieda taghha, minkejja li hi ddahlet fih* (fol. 125).

Preliminarjament dwar id-dokumenti esebiti mill-appellant mar-rikors tal-appell (Dok MA1 u Dok MA2 a fol. 134-139) u t-talba da parti tal-appellata ghall-isfilz taghhom, il-Qorti tosserva illi l-appellant kellu kull possibilta' li jesebihom quddiem it-Tribunal u dan in-nuqqas m'ghandux jippregudika lill-appellata u inoltre ma ta l-ebda gustifikazzjoni 'l ghaliex ma pprezentahomx qabel. Ghaldaqstant skont l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet, **Olive Gardens Investment Limited vs Salvu Farrugia *et***, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2014) tordna l-isfilz taghhom.

Fil-qosor l-ilmenti principali tal-appellant huma s-segwenti:-

(i) Ma kienx gust da parti tal-appellata li tibqa' bierda u thalli f'idejn hutha biex tmexxi l-kawza u jithabtu huma mbaghad ma thallasx sehemha mill-ispejjez tal-kawza;

(ii) Illi minkejja li l-appellata ma kellhiex interess tippartecipa fil-kawza, hutha dejjem kienu jinfurmaha x'kien jigri izda qatt ma esprimiet ix-xewqa li tinqala' 'l barra mill-kawza[1];

---

[1] Referenza ghax-xhieda ta' Gregory Stellini u Emily Muscat fis-seduta tas-17 ta' April 2015.

(iii) It-Tribunal kien selettiv hafna ghal liema partijiet mix-xhieda jaghmel referenza;

(iv) Sakemm kien hemm l-appellant ihallas, l-appellata qatt ma oggezzjonat ghal xejn izda kif is-sentenza nqatghet b'mod li fid-divizjoni proprjeta' minnhom ma messitx lill-ahwa Stellini, bil-konsegwenza li dan gie rifless fil-kap tal-ispejjez, l-appellata bdiet iggib hafna skuzi u tippretendi li hija ma kinitx taf bil-kawza biex ma thallasx l-ispejjez;

(v) Minhabba l-integrita' tal-gudizzju fil-kawza ta' divizjoni l-appellata kellha bilfors tkun parti mill-kawza;

(vi) L-appellata qatt ma qalet li billi hija ma riditx tkun parti fl-appell ma kinitx ser tibbenifika mid-divizjoni ottjenuta;

(vi) Dwar il-punt maghmul mit-Tribunal li l-appellata ma gietx notifikata bl-atti, l-appellant jirribatti li mill-atti tal-kawza 74/1990 jirrizulta li kien biss l-appellant li gie notifikat bl-avviz tas-smiegh.

(vi) Minkejja illi ghaddew sentejn mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza 74/1990, l-appellata qatt ma hadet ebda azzjoni biex tattakka din l-istess sentenza u allura dik is-sentenza torbot ukoll lill-appellata bhala parti fil-kawza u dan japplika wkoll ghall-kap tal-ispejjez kif deciz b'dik is-sentenza;

(vii) Inoltre l-appellant jissottometti (fol 132):-

*"F'dan l-isfond jinghad ukoll ghall-grazzja tal-argument illi jekk tassew kien minnu illi meta l-intimata rrabjat dwar il-kawza dan kien b'referenza ghall-appell, huwa wkoll minnu illi l-appell dam oltre erba' snin biex inqata' u l-appellata qatt ma ddizassocjat ruhha minnu, qatt ma cedietu u qatt ma rregistrat in-non akkwixxenza taghha bl-ebda mod izda stenniet li jinqata' l-appell, proprju ghaliex dak kien l-interess taghha.*

*Ghalhekk ukoll il-konvenuta appellata hija responsabbli sabiex thallas sehemha mill-ispejjez tal-appell tal-kawza 74/1990."*

(viii) Dwar il-validita' ta' kunsens tacitu, hu stabbilit fil-gurisprudenza illi l-kunsens u anke l-mandat jista' jkun tacitu[2]. Ghaldaqstant fil-kaz odjern l-appellant jissottometti illi gialadarba l-appellata kienet avvicinata mill-appellanti u anke minn ohtha u ommha dwar l-appell specjalment f'kuntest fejn sa dak il-mument l-ahwa dejjem imxew flimkien ghal dak li kellu x'jaqsam mal-kawza 74/1990 u agixxew bhala parti wahda u univoka, anzi dejjem hallew f'idejn l-appellant biex jiehu hsieb dak kollu rigwardanti l-istess kawza, jissottometti li l-

[2] **Fleri vs Nutar Dingli** (17.05.1963).

appellant ragonevolment ipprezuma illi huwa kellu u kien ghad ghandu inkarigu minghand l-appellata sabiex imexxi l-kawza 74/1990 u jigi ntavolat fiha anke f'isem l-appellata.

Da parti taghha l-appellata tirribatti (fol 145):

*"... it-Tribunal kellu l-opportunita' mhux biss li jisma izda ukoll li josserva l-komportament tal-partijiet u tax-xhieda fil-kaz in kwistjoni fejn bir-rispett kollu x-xhieda tal-appellant u tal-persuni mressqa minnu ma kinitx wahda kredibbli u dan anki minhabba l-atteggjament u r-risposti vagi li nghataw waqt il-kontro-ezami fejn kemm-il darba t-Tribunal innifsu ammnixxa lix-xhieda in kwistjoni."*

Din il-Qorti qieset il-provi li tressqu. Bhala fatt l-appell kien sar ukoll f'isem l-appellata. Meta xehdet, seduta tat-22 ta' Marzu 2015 (fol 104), cahdet li:

i. kienet taf bl-appell;
ii. kellmuha hutha dwar l-appell u/jew irceviet xi att mill-Qorti biex tidher.

Gregory Stellini xehed (fol 99): *"Ma nafx jekk Carmen tatx il-kunsens taghha biex isir l-appell. Jien ma jidhirlix li kellimtha u nfurmajtha li ser isir l-appell."* Min-naha l-ohra Emily Muscat xehdet: *"Jien u ommi konna morna nghidu lil ohti biex ninfurmawha bl-appell. Emanuel ukoll kien gie maghna... Jien kont cempilt lil ohti biex ninfurmaha bl-appell. Kienet tarma tirrabja kull x'hin iccemplilha. Jien ma nafx ghaliex kienet taqbad tirrabja. Ma niftakarx jekk kinitx qaltli li riedet taghmel l-appell jew le"* (fol. 101). L-appellant xehed: *"Meta ntilfet il-kawza kienu ommi u ohti li cemplulha biex jghidulha. Jien kont wara mort sibt lil ohti Carmela u spjegajtilha u ghidtilha li se nappellaw.... Nichad li jien m'ghidtilhiex bl-appell"* (fol. 94).

Il-qorti tinnota li:-

(a) **Emily Muscat** qalet li l-appellant u huha Gregory Stellini kienu qalulha li sar appell. Imbaghad kompliet tghid li kienet marret mal-appellant u ommha biex jinfurmaw lill-appellata li kien ser isir appell. Jekk hutha kienu qalulha li sar appell, ghall-qorti hu difficli temmen li flimkien ma' membri ohra tal-familja taghha marret tghid lill-appellata li **kien ser isir** appell. Sahansitra mumenti wara qalet li kienet cemplet lill-appellata *"biex ninfurmaha bl-appell"* (fol. 101). Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kliem hemm nuqqas ta' konsistenza.

(b) It-Tribunal qal li kompla jikkonferma kemm l-appellata ma riditx tappella mill-fatt li: *".... fl-appell l-konvenuta kuntrarjament ghall-ahwa l-ohra, ma tpoggietx fost il-lista tan-nies biex jigu notifikati bl-atti u filwaqt li r-riferti esebiti juru n-notifika tal-ahwa l-ohra, riferta tal-konvenuta ma hemmx"*. Dan m'huwiex korrett ghaliex mid-

dokumenti a fol. 111-114 jirrizulta li n-notifika tal-avviz ta' smiegh tal-appell saret biss lil Emanuel Stellini u mhux lil hutu l-ohra Emily Muscat u Gregory Stellini, kif ta x'jifhem it-Tribunal.

L-appellata xehdet li ma kinitx taf li kien sar appell, u l-ewwel darba li saret taf bih kien meta rceviet il-kont minghand l-appellant sabiex thallas is-sehem taghha (fol. 104).

Ghall-qorti m'hemmx dubju li waqt li l-kawza kienet ghadha qeghdha tinstema' quddiem l-ewwel qorti, l-appellata halliet f'idejn l-appellant. Ghalkemm wara li miet missierha dahlet bhala parti fil-kawza u jidher li kienet tiehu sehem attiv, gie zmien fejn jidher li ma komplietx tattendi ghas-seduti. Ghall-qorti hu evidenti li kellha fiducja fl-appellant. Ir-responsabbilta' waqghet fuq l-appellant. Kienet u ma kinitx taf bl-appell, bhala mandatarju ta' hutu[3] huwa ppropona appell. F'dak li ghamel kien fl-interess tieghu u ta' hutu. Personalment ma kien ser jigwadanja xejn a skapitu ta' hutu. Inoltre l-appell mis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009 ma giex dikjarat li kien frivolu jew vessatorju. Wiehed irid jiftakar li l-punt in kontestazzjoni kien dwar jekk fond fi Triq Bir ir-Rix, Santa Lucija, Ghawdex kellux ukoll ikun parti mid-divizjoni tal-wirt ta' Michelangelo u Antonia konjugi Stellini peress li kien hemm parti fil-kawza li kienet qeghdha ssostni li wiehed mill-immobbli oggett tal-kawza kien sar taghha bil-preskrizzjoni akkwizittiva. Fl-ezekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jaghmel u jissokta appell (Artikolu 1865 tal-Kodici Civili). Fic-cirkostanzi wkoll f'dan il-kuntest l-appellata ghandha thallas sehemha mill-ispejjez li saru. Dan apparti li mill-provi li tressqu l-verzjoni li tat l-appellata - li ma kinitx taf bl-appell - m'hijiex verosimili in kwantu:-

I. L-appellata kkonfermat li sas-sena 2013 ma kellhiex problemi ma' hutha. L-appell sar f'Marzu 2009.

II. Gregory Stellini u Emily Muscat kienu gew infurmati li ser isir appell. Kif gew infurmati huma, probabbilment giet infurmata l-appellata wkoll.

III. Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gurisdizzjoni Superjuri nghatat fit-3 ta' Marzu 2009, filwaqt li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell inghatat fil-31 ta' Mejju 2013. Dan ifisser erba' snin wara. M'hemmx kontestazzjoni li kienet taf li hemm il-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, tant hu hekk li hallset ukoll sehemha mill-ispejjez tal-perizja. Ghall-qorti m'huwiex verosimili li matul dawk is-snin kollha l-appellata ma staqsitx dwar il-progress tal-kawza u ma gietx infurmata bl-appell.

[3] Il-qorti tfakkar li l-mandat jista' jkun ukoll tacitu (Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili).

Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-appellata kienet taf li sar appell. Jekk verament ma kinitx taqbel mal-appell kienet tiehu l-passi biex iccedih in kwantu jolqot lilha. Haga li m'ghamlitx.

**<u>Kalkolu ta' sehem l-appellata mill-ispejjez</u>**.

L-appellant isostni li t-Tribunal halla barra xi ammonti fil-konteggi.

Da parti taghha l-konvenuta appellata tirribatti (fol 145):

*"10) Illi ghalhekk dwar dan l-aggravju, l-appellata umilment tissottometti li kien ghaqli u gust da parti tat-Tribunal li jiskarta t-talba ghal dawn il-hlasijiet li huma oltre t-Taxxa tar-Registru peress li kif spjegat hawn fuq uhud minnhom ma jirrigwardax lill-appellata ghax mhux parti tal-Mandat ta' Sekwestru ndikat u fit-tieni lok l-ammonti l-ohra jirrigwardaw l-procedura tal-Appell li dwarha t-Tribunal ippronunzja ruhu fis-sens li l-konvenuta appellata ma tatx il-kunsens taghha biex isir l-appell, anzi zied jghid 'jemmen illi ma staqsutx li dan isir.'"*

Gialadarba l-qorti hi tal-fehma li l-appellata ghandha thallas ukoll sehemha mill-ispejjez relatati mal-appell, il-hlas dovut lill-appellant hu ikbar minn dak li llikwida t-Tribunal. Wara li l-qorti rat l-atti, hi tal-fehma li l-hlas dovut mill-appellata hu ta':-

1. **<u>Prim'Istanza</u>** – mir-rendikont li pprezenta l-appellant u t-taxxa mahruga mir-Registratur, jidher li l-ispejjez li saru jirrelataw biss ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji (dritt registru) u l-perizja. Total ta' €3,441.16. Sehem l-appellata hu ta' €491.60. Jirrizulta li l-appellata hallset lill-appellant is-somma ta' €412.30, sehemha mill-ispejjez tal-perizja (fol. 106). Fil-fehma tal-qorti l-appellata ppruvat li hallset kwazi sehemha kollu mill-ispejjez tal-perizja. It-Tribunal kien gustifikat meta qal (fol 125): *"Jirrizulta pero' illi Carmela Bugeja gia kienet hallset sehemha mill-periti gudizzjarji fis-somma ta' Lm 177 (ara dok CB1) liema dritt huwa fost dawk reklamati fir-rendikont esebit minn l-attur fejn dawk id-drittijiet li taghhom jippretendi l-hlas huma mmarkati b'cirku fuq it-taxxa esebita a fol 22. Id-drittijiet tal-periti gudizzjarji huma fost dawk hemm markati. L-ammont imhallas mill-konvenuta konvertit ghall-ewro jammonta ghal € 412.29"* (fol. 125).

   Ghalhekk jibqa' bilanc dovut ta' **€79.30**, kif sewwa ddecieda t-Tribunal.

2. **<u>Appell</u>** –

   i. **€670.93** a bazi ta' dak dikjarat fl-ittri tal-avukat li ddefenda lill-partijiet fl-appell tal-kawza 74/1990/1 (fol. 47 u 49) u t-taxxa (fol. 27). Dawn jirrelataw ghad-dritt tad-difensur li ddefenda lill-ahwa Stellini fl-istadju tal-appell.

ii. **€507.48** sehem l-appellata b'referenza ghal spejjez u dritt tar-registru (ara taxxa ES2 a fol. 27). Is-somma ta' €3,255 tkun thallset mal-kawtela qabel l-ewwel data ta' smiegh.

iii. il-hlas ta' €3,340 skont il-mandat ta' sekwestru numru 121/2013PC (fol. 31), li jinkludi l-ispejjez gudizzjarji tal-appell tal-parti l-ohra, u li ovvjament kellhom jaghmlu tajjeb ghalih l-ahwa Stellini gialadarba l-appell gie michud. Sehem l-appellata hu ta' parti minn seba' = €477.20. Pero' mill-istess dokument u t-taxxa li hareg ir-Registratur jirrizulta li l-ispejjez dovuta lill-parti l-ohra fl-appell kien ta' €4,205.79 (fol. 27) flimkien ma' €741.53 VAT[4], li jfisser li sehem l-appellata hu ta-**€706.76**.

Spejjez ohra li jippretendi l-appellant u li fil-fehma tal-qorti m'humiex dovuti huma:-

i. €52.42 u €74.56 li huma in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru u relattiv kontro-mandat li tieghu Carmela Bugeja m'hijiex parti u li nhareg fuq talba tal-appellati fil-kawza 74/1990. Ghalhekk l-appellata m'ghandhiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji relatati mal-mandat. Wara kollox il-mandat inhareg ghaliex l-appellant naqas milli jizgura li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu meta ntalbu.

ii. €76.48 spejjez li jidher li saru b'riferenza ghall-atti gudizzjarji prezentati wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, u li ma giex spjegat ghalfejn saru.

iii. €96.68 dwar kont datat 30 ta Settembru 2011 (fol. 38), fejn jinghad *"expenses incurred in the above case as per attached statement, ordering of searches"*, minghajr ma nghata spjegazzjoni ta' x'ricerki saru.

Il-qorti tinnota wkoll li:-

i. il-hlas ta' €355.24 li ghamlet l-appellata lir-Registratur fl-14 ta' Marzu 2014 (fol. 107), m'ghandux x'jaqsam mal-appell. Fil-fatt mill-kont li hareg ir-Registratur (fol. 108) jirrizulta li dan kien dritt ta' Registru in konnessjoni mal-proceduri quddiem il-Prim'Awla. Id-dritt tar-Registru li kellu jithallas mill-atturi fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri kien ta' €2,486.62[5].

---

[4] M'hemmx dubju li parti mill-hlas dovut lill-appellati fil-kawza 74/1990, sar mill-kawtela li tkun giet depozitata fil-qorti.

[5] Sehem l-appellata kien €2486.62/7 = €355.23.

ii. Fil-prospett li pprezenta l-appellant (fol. 19), hemm ammonti doppji fir-rigward tas-somma €297.40 u €507.48, peress li fiz-zewg ammonti hemm il-hlas tar-registru relatat mal-prezentata tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell parzjalment u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-25 ta' Gunju 2015 fis-sens li:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara li l-appellata ghandha thallas sehemha mill-ispejjez relatati mal-appell li kien sar fil-kawza "Joseph Stellini vs Carmel Stellini et" (74/1990/1) deciz fil-31 ta' Mejju 2013.**

2. **Tillikwida l-ammont dovut mill-appellata fis-somma ta' elf disa' mija u erbgha u sittin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€1,964.77) u tikkundannaha thallas dan l-ammont.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellata**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur